MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2006

Appell Kriminali Numru. 278/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michael Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael Camilleri talli fit-3 ta' Novembru 2004 ghall-habta tat-3.00 a.m. gewwa r-residenza "Kimera", Triq id-Dejma, San Pawl tat-Targa, Naxxar:

1) hedded lil Doris Camilleri;

2) qal kliem ingurjuz u defamanti fil-konfront ta' Doris Camilleri;

3) hebb ghal martu Doris Camilleri u kkagunalha griehi ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Nicholas Vassallo M.D. tal-Mosta Health Centre;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Ottubru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-appellant hati ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet u minnhom illiberatu izda sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u ordnat li l-appellant jobbliga ruhu taht l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali li jzomm il-kwiet ma' l-istess Doris Camileri u li jzomm il-bon ordni ma' kulhadd u jekk b'xi mod jonqos minn din l-obbligazzjoni jobbliga ruhu li jhallas is-somma ta' mitt liri Maltin (Lm100) bhala penali u liema obbligazzjoni tibqa' fis-sehh ghal perijodu ta' sena mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors tal-appellant Michael Camilleri pprezentat fl-14 ta' Ottubru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ma nstabx hati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u minnhom gie lliberat, issibu mhux hati lanqas tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah u b'hekk tilliberah minn kull imputazzjoni u htija jew, minghajr pregudizzju u in kwantu biss ghall-piena, f'kaz li din il-Qorti tikkonferma l-htija dwar it-tieni imputazzjoni, tirriforma s-sentenza appellate in kwantu ghall-piena b'dan li flok li torbtu taht l-artikolu 383 sabiex izomm il-kwiet ma' Doris Camilleri u li jzomm il-bon ordni pubblika ma' kulhadd b'penali ta' Lm100 fin-nuqqas ghal sena mid-data tas-sentenza, tinfliggi minflok il-multa jew l-ammonizzjoni u r-riprensjoni;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat:

Dan il-kaz jirrigwarda incident li nqala' bejn l-appellant u martu li qeghdin fi proceduri ta' separazzjoni izda li

baqghu jghixu fl-istess dar. L-imputazzjoni tirrigwarda l-uzu tal-kelma “mignuna” mill-appellant fil-konfront ta’ martu.

Doris Camilleri tghid illi meta kienu qeghdin jargumentaw l-appellant qallha: “Kulhadd jaf li int mignuna”. L-appellant jghid illi waqt li kienu qeghdin jargumentaw u martu anke qabditu minn sidru, huwa qallha: “Int mignuna?” P.S. 564 Geoffrey Schembri xehed li Doris Camilleri kienet cemplet l-ghassa ghall-assistenza u, fost affarijiet ohra, qaltlu li zewgha kien ghajjarha mignuna.

Din il-Qorti, wara li semghet ix-xiehda ta’ l-appellant u ta’ martu hi soddisfatta li l-appellant ingurja lil martu bl-uzu tal-kelma “mignuna” u li l-verzjoni li tat Doris Camilleri hija dik veritjera.

L-appellant jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti rabtitu b’obbligazzjoni tieghu nnifsu mhux biss li jzomm il-kwiet ma martu izda anke li jzomm il-bon ordni pubbliku ma’ kulhadd meta huwa lanqas biss gie akkuzat li kien kiser il-bon ordni pubbliku. Inoltre jghid illi martu ser ikollha l-isbah opportunita` biex tohloq incidenti ohra sabiex ikollha skuza li zewgha kiser l-obbligazzjoni imposta fuqu.
Din il-Qorti ma jidhrilhiex li r-raguni avvanzata mill-appellant biex ma jkunx marbut taht il-provvedimenti ta’ l-artikolu 383 tal-Kap. 9 hija raguni serja u valida izda mill-banda l-ohra ma jidhirx illi hemm lok li huwa jintrabat ukoll li jzomm il-bon ordni pubbliku ma’ kulhadd u, fic-cirkostanzi tal-kaz, ghandu jkun hemm temperament fil-perijodu li ghalih ghandu jkun hekk marbut.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu ordnat lill-appellant jobbliga ruhu taht l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali li jzomm il-kwiet ma’ Doris Camilleri u li jzomm il-bon ordni pubbliku ma’ kulhadd u jekk b’xi mod jonqos minn din l-obbligazzjoni jobbliga ruhu li jhallas is-somma ta’ mitt lira Maltin bhala penali u liema obbligazzjoni tibqa’ fis-sehh ghal perijodu ta’ sena mid-data tas-sentenza appellata, u minflok tordna

lill-appellant jobbliga ruhu taht l-artikolu 383 tal-Kap. 9 li jzomm il-kwiet ma' Doris Camilleri taht penali ta' mitt liri Maltin (Lm100) fin-nuqqas u dan ghal perijodu ta' sitt xhur millum skond l-obbligazzjoni infraskritta, u tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------